FGURA

# KUNSILL LOKALI FGURA

68, 'DAR IL-KUNSILL' TRIQ IL-KARMNU, FGURA FGR2104 TEL: +356 21 664000 FAX: +356 21 664222 email: fgura.lc@gov.mt

Chairman

Korporazzjoni Enemalta

Triq Belt il-Ħażna,

Marsa MRS 1571

It-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2011

**Kumpens għall-Kommunita' tal-Fgura**

Għażiż Chairman,

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura jirreferi għall-konklużjonijiet tar-rapport ippubblikati mill-MEPA, *"Report on the nature, distribution and likely source of black particles in dust fall in Malta"* ikkompilat minn Alfred J Vella, mid-Dipartiment tal-Kimika fl-Universita' ta' Malta maħrug f'Marzu li għadda.

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura jinnota li r-rapport imsemmi jipponta subajgħ lejn il-power station tal-Marsa, bħala s-sors tat-trab iswed li l-Fgura ilha tbati minnu fl-aħħar snin. Konsegwenza ta' dan, il-Fgura qed issofri minn dannu ambjentali, ta' saħħa, u kif ukoll sofriet tnaqqis fil-valur tal-propjeta' privata.

Nistennew li l-korporazzjoni Enemalta turi r-responsabbilta' soċjali lejn il-Fgura u l-kommunitajiet kollha li jinsabu madwar l-impjanti tal-enerġija li huma fil-pussess tagħha. Għaldaqstant jeħtieg li l-Korporazzjoni tidħol għal negozati bit-tir ta' azzjoni riparattiva f'termini ta' proġetti ambjentali li jservu ta' kumpens għal danni li l-Fgura sofriet fil-passat u għadha ssofri preżentament. Fl-istess waqt, bħala rappreżentant tal-Fgura nippretendi bix-xieraq li fil-ġejjieni l-Korporazzjoni Enemalta tara li twieżen il-konsegwenzi ta' kull proġett li tidħol għalih u l-enerġija li tkun qed tikkonsma, sabiex ma tkun qatt iktar ta' dannu għall-kommunitajiet u l-ambjent.

Għalhekk, il-Kunsill Lokali tal-Fgura jitlob lill-Enemalta sabiex tersaq għal negozjati biex b'hekk tikkumpensa lill-kommunita' tal-Fgura għal din il-ħsara, billi tinvesti fi proġetti ambjentali ġewwa l-Fgura kif jitlob sens għaqli ta' corporate social responsibility.

Tislijiet,

Byron Camilleri LL.B Dip. N.P.
Sindku

Sindku – Is-Sur B.Camilleri LL.B. Dip.N.P, Viċi Sindku – Is-Sur A.Degiovanni, Kunsillieri - Chev D. Marmara` KLJ, Is-Sur C. Bonello, Is-Sur S. Camilleri, Is-Sur M. Lombardo, Is-Sur P.Dalli, Is-Sur A. Debono, Is-Sinjura R. Cutajar